

Suġġett tal-kawża

It-talba ta' annullament, minn naħa, tal-ittra tal-President tal-BEI li permezz tagħha dan ċaħad, wara l-opinjoni tal-bord "Dignity at work", l-ilment għal fastidju psikoloġiku mir-rikorrent u, min-naħa l-oħra, il-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-imsemmi bord sa fejn dan ma jikkonstatax il-fatti tal-fastidju psikoloġiku.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 li permezz tagħha il-president tal-Bank Ewropew ta' Investiment ċaħad l-ilment għal fastidju psikoloġiku ta' C. De Nicola hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Bank Ewropew ta' Investiment għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn C. De Nicola.*

⁽¹⁾ ĠU C 184, 23/06/2012, p. 24.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola vs BEI

(Kawża F-82/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni ġdid tal-2007 — Illegalità tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell — Rifjut ta' promozzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2016/C 048/99)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment BEI (rappreżentanti: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba ta' annullament tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell li tiċħad ir-rikors tar-rikorrent ippreżentat kontra r-riżultat tat-tieni evalwazzjoni globali tal-prestazzjoni tiegħu matul is-sena 2007.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell tal-Bank Ewropew tal-Investment tal-15 ta' Frar 2012 hija annullata.*
- 2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq il-konklużjonijiet li wasslu għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tas-sena 2007.*
- 3) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 4) *Il-Bank Ewropew tal-Investment għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn C. De Nicola.*

⁽¹⁾ ĠU C 319, 20/10/2012, p. 18.